KOTBA TAX-"XIRKA TIXRID QARI MALTI U PROPAGANDA"

# DAWL U DLAM

Buzzett drammatku bi prologu ta'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

F'Ilsien Artna l-Għaqda tal-Maltin kollha
Is-Saħħa u l-Qawwa ta' Nazzjon żagħżugħa

1946

Mitbagh: "GIOVANNI MUSCAT" — Malta

# MADĦAL TA' GIACINTO TUA

Il-Kittieb ta' dan il-buzzett — iben Ġużè Muscat-Azzopardi li ta lit-tijatru Malti *"Il-Buġħawwieġ"*, maqlub mit-Taljan, u l-*"Caterina Desguanez"* oriġinali, u li wieħed mill-interpreti tagħha kien dak l-attur miqjum u magħruf mid-dinja kollha *Ermete Zacconi*, u xi oħrajn — talabni biex niktiblu kelmtejn u nagħtih fehemti fuq dan l-aħħar xogħol tiegħu li llum jinsab f'idejkom.

Għal min ma jafx nixtieq qabel xejn ingħid li Ivo Muscat-Azzopardi kien wieħed mill-aqwa kolonni u s-Segretarju tal-qatt minsija kumpannija filodrammatka "Les Amateurs" li minnha kien jagħmel sehem Joe Calleia, u li meta fl-1919 siefer minn Malta baqa' jaħdem għal 27 sena sħaħ ġewwa l-Eġittu għall-mixi 'l quddiem tal-palk Malti, u meta l-*Indipendenza* kienet magħduda mill-qatt minsi Mikielanġ Borg innifsu bħala baġa mejta, Ivo Muscat-Azzopardi bħala President ta' l-Għaqda Filodrammatka "Icilio Calleja" beda juri l-aqwa *pochades* tagħha fit-Tijatri Lixandrini. Fl-istess waqt iżda kien qed jagħti wkoll ħafna bċejjeċ tiegħi, maqlubin minnu għall-Malti b'sengħa mill-aħjar, kif ukoll xogħlijiet kbar ta' kittieba barranin kemm bin-nisa bħal "Maestrina" ta' Niccodemi, "Il dubbio" ta' Lucio d'Ambra, "Maschere" ta' Bracco, eċċ., eċċ., kif ukoll bla nisa bħal "Dar il-ħena" ta' Fusilli, "In-Nannu Kieli" u "Triqat Mitlufa" ta' Repossi, "La tkunx ibleh, Kaptan Salv Speranza", eċċ.

Nistqarr bla biża' li qabel bdejt naqra "Dawl u Dlam" waħħaltha f'rasi li xogħol bħal dan — bla nisa u b'suġġett tajjeb biss għal xi kulleġġ — ma satax ikun ħlief ta' siwi ċkejken. Issa li qrajtu ngħidha kif inħossha, kont tqarraqt bil-bosta. Ix-xogħol sabiħ tassew, iġagħlek tħoss, iqanqal, huwa mibni b'qawwa sħiħa. Il-karattri li fih ħajjin kemm jista' jkun. F'kelma waħda l-Kittieb għandu dik is-sengħa meħtieġa għall-kittieba ta' bċejjeċ tijatrali u t-teknika kollha tal-palk li tiegħu jaf bl-irqaqat kollha. Għalhekk jistħoqqlu — mhux għax jien ħabib tiegħu — kull tifħir għal dan ix-xogħol ġdid, u oriġinali għal kollox.

*GIACINTO TUA.*

Il-Belt, 26 ta' Ġunju, 1946.

# DAWL U DLAM

Buzzett drammatku bi prologu ta'

**IVO MUSCAT-AZZOPARDI**

---

*B'isem Dun Karm Psaila — l-ogħla poeta Malti — dan ix-xogħol ċkejken tiegħi nixtieq inżejjen.*

---

GIOV. MUSCAT
MALTA
1946.

# KELMTEJN TAL-KITTIEB

Fil-11 ta' Jannar ta' l-1945 il-Kumitat ta' l-*Azzjoni Kattolika* tal-Belt nieda Konkors ta' "Drammi u Kummidji" li fost il-kundizzjonijiet ewlenija tiegħu kien fih (1) li l-bċejjeċ għandhom ikunu b'att wieħed (prologu miegħu tollerat); (2) li jkun bla nisa; (3) li s-suġġett ikun morali 100%; (4) li l-*copyright* jibqa' f'idejn il-Kumitat Organizzatur.

U jien, peress li ma' tul il-qagħda twila tiegħi f'Lixandra, kont qlibt għall-Malti ħafna bċejjeċ tijatrali li dehru bit-Taljan fil-"*Contro Corrente*" u saru b'suċċess bil-Malti, tħajjart nikteb xi ħaġa oriġinali u dħalt għall-Konkors.

Meta fis-16 ta' April 1946 ġejt lura Malta għal kollox, sirt naf li l-Buzzett tiegħi ħa l-ewwel premju u għalhekk deherli li għandi nistampah bit-tama li l-publiku Malti u l-mexxejja tat-Tijatrini ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Malta kollha jkollhom f'idejhom bċejjeċ tijatrali morali. Ħadd ma għandu jinsa iżda li biex dan il-buzzett isir tinħtieġ is-sensja ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn nixtieq inżid li għal dan il-Konkors ta' buzzetti daħlu disgħa kittieba, u li l-Imħallfin kienu: Ir-Rev. Salvu Laspina u s-Sinjuri R. Bisazza u V. Apap.

It-tama tiegħi hija mela li dan il-buzzett tiegħi, "Kelma ta' Raġel" ta' Alec Malfi, "Il-Pilota" ta' J. Grech, u l-oħrajn kollha li ħadu sehem fil-Konkors jidhru kollha stampati u maħduma għal ħafna drabi fuq il-palkijiet ta' Malta. Biex isir dan jeħtieġ ftit tas-sagrifiċċju mill-Kittieba u inkuraġġiment mill-qarrejja u l-publiku.

*IVO MUSCAT-AZZOPARDI.*

San Ġiljan, 26 ta' Ġunju, 1946.

# NIES ID-DRAMM

IL-MISSIER (Is-Sur Tumas, neguzjant magħruf)

IL-MAĠĠUR (Charles, ibnu l-kbir)

IS-SULDAT (Dwardu, ibnu ż-żgħir)

IL-KAPPILLAN (Dun Ġakkin)

L-ORDINANZA (Qaddej tal-Maġġur — Lonzu)

IL-QADDEJ (tas-Sur Tumas — Toni)

IL-ĦABIB (tas-Sur Tumas — Dandu Formosa)

IL-ĠAR (tas-Sur Tumas)

IL-BOJ (Qaddej f'ħanut ta' l-inbid)

# TAGĦRIF FUQ NIES ID-DRAMM

IL-MISSIER — Raġel twajjeb imma serju f'għamilu.

IL-MAĠĠUR — Żagħżugħ ta' xi tletin sena, sabiħ u twil, minfuħ bih in-nifsu — militari ħafna.

IS-SULDAT — Żagħżugħ ta' xi għoxrin sena, twajjeb, aktarx mistħi.

L-ORDINANZA — Raġel aktarx matnazz u beda jixjieħ, ta' xi 50 sena u fuqhom — militari wkoll għax għandu servizz twil imma baqa' dejjem ċajtier.

ĦABIB IL-MISSIER — Raġel l-istess tip tal-Missier.

IL-QADDEJ — Raġel twajjeb, aktarx xwejjaħ li ilu mas-Sur Tumas is-snin il-kbar għalhekk għandu ħafna lala ma' wliedu.

IL-KAPPILLAN — Irqajjaq, twajjeb ferm, kliem ta' faraġ dejjem f'fommu ma' tbissima ħelwa.

IL-ĠAR — Mhux ħabib kbir tal-familja imma jqimha għax tajba.

## IX-XENA TURI

Kamra komuni fid-dar tan-Neguzjant is-Sur Tumas Mikallef — Fost l-għamara, mejda ċkejkna li fuqha hemm tixgħel dejjem lampa taż-żejt imqiegħda quddiem inkwatru tal-Madonna tar-Rużarju mdendel mal-ħajt u tavolin b'kaxxun żgħir. Fin-nofs bieb li jagħti għal barra. Bieb ieħor in-naħa tax-xellug. In-naħa tal-lemin bieb ieħor, aktarx wiesa' u għoli, minn nofsu 'l fuq tal-ħġieġ, li jagħti għall-ġnejna. Fuq xi xkafef żgħar xi inkwatri portabbli b'ritratti ta' nies tal-familja. Ħafna vażetti għall-fjuri imma kollha vojta.

---

Tas-Sliema — Malta

Il-Prologu f'April tal-1941 — Id-dramm f'April tal-1944

## TAGĦRIFA MEĦTIEĠA

Salib (+) ħdejn il-persunaġġ ifisser li huwa qiegħed fix-xena jew dieħel.

Żewġt islaleb (+ +) ifissru li huwa ħiereġ barra mix-xena.

# PROLOGU

ĠAR (+)

Xtaqt kieku nara lis-Sinjur... għal ħames minuti biss taf.

QADDEJ (+)

Tajjeb wisq, Sinjur. Qiegħed fil-ġnejna mas-Sur Formosa, ħa mmur ingħidlu.

ĠAR

Is-Sur Formosa... ?

QADDEJ

Iva, is-Sur Dandu, ġie biex isellem lill-Maġġur qabel jitlaq.

ĠAR

Bravu ! U jien ukoll għalhekk ġejt, mela ġiet tajba.

QADDEJ (+ +)

Ħalli mmur ingħidlu... oqgħod Sinjur. (*joħroġ mil-lemin*).

ĠAR

(*Jibqa' bilwieqfa, iħares 'l hinn u 'l hawn, jieħu f'idu xi ritratt minn fuq l-ixkafef.*)

QADDEJ (+)

(*jidħol mil-lemin*) Is-Sur Tumas jitolbok tgħaddi fil-ġnien.

ĠAR (+ +)

Grazzi... grazzi wisq... arani miegħu... (*joħroġ mil-lemin*)

QADDEJ

(*Wara li jwassal sal-bieb lis-Sinjur, ikun se joħroġ mill-bieb tan-nofs meta jaħbat wiċċ-imb-wiċċ ma' l-Ordinanza li jkun dieħel*) Ara Lonzu ! X'għandna Lonz ? !... X'ġejt tagħmel hawn għodu-għodu... ?

ORDINANZA (+)

(*aktarx ferħan*) X'ġejt nagħmel?! Mela għadek ma qomtx mir-raqda? Ġejt nifraħ lis-Sur Tumas.

QADDEJ

(*aktarx mistagħġeb*) Tifraħ lis-Sur Tumas?! Mela qed titlef rasek? Tifraħ lis-Sur Tumas talli... ibnu se jsiefer?... u se jħallina?... u fuq kollox sejjer fil-periklu?

ORDINANZA

U ħallik mill-periklu int ukoll! Sewwa jagħmel jitlaq u li kieku jien ma kellix l-għomor li għandi kont immur miegħu... ħalli nfarrkuhom lil dawk il-qabda btabat... lil dawk l-imgħarrqin...

QADDEJ

U iskot int, xi trid tfarrak b'dik iż-żaqq li qed trabbi...

ORDINANZA

Imma għajnejja għadhom tajbin u jekk trid prova staqsi lill-Maġġur kemm il-wieħed niżżilna s'issa. Il-batterija tagħna ħadd ma jisboqha...

QADDEJ

Ara, Lonz, toqgħodx tispara bombi bl-oħxon, biżżejjed għandna bombi jfaqqgħu madwarna... għax mixħutin mit-Taljani kif ġie ġie...

ORDINANZA

(*jisserja*) Isma', Ton, jekk int qed titkellem bis-serjetà... iftaħ għajnejk...

QADDEJ

(*meta jarah qed jagħdab jieħdu bit-tajjeb u jtap-taplu fuq spallejh*) U le, Lonz, ma tarax li kont qed niċċajta? Il-Maġġur, għalkemm ta' ftit kliem lilek dejjem faħħrek.

ORDINANZA

U mela għid hekk, ħaqq il-kanuni tal-Fortina!

QADDEJ

(*li jkun lemaħ fil-bieb tan-nofs lil Dun Ġakkin li jkun għadu kif wasal — taħt ilsien lil Lonzu*) Iskot, Lonz, rażżan ilsienek, ara minn hemm warajk...

ORDINANZA

Min hemm ħaqq il-kanu... (*sadattant ikun dar u malli jilmaħ lil Dun Ġakk jaqta' l-frażi ta' għadab*) ...il-kanuni... (*jersaq bi tjubija lejn il-qassis*) Ara Dun Ġakk! (*jitbaxxa u jbuslu idu*) Kif int Dun Ġakk?

QADDEJ

(*Jersaq ukoll u jbuslu idu*) Għaddi, Dun Ġakk, għaddi...

KAPPILLAN (+)

Xtaqt kieku nara lis-Sur Tumas... u ibnu l-kbir...

ORDINANZA

Il-Maġġur, mhux hekk?

KAPPILLAN

Iva... il-Maġġur... it-tifel il-kbir tas-Sur Tumas... kif inħobb insejjaħlu jien...

QADDEJ

Qegħdin fil-ġnien, Dun Ġakk... ħa mmur ngħidlu li inti hawn...

KAPPILLAN

Jekk għandu x'jagħmel ma ninkomodahx... niġi mument ieħor...

QADDEJ

Jekk tixtieq tara l-Maġġur, aħjar tarah issa għax... (*jieqaf, aktarx imnikket u jħares lejn l-arloġġ*)... dal-waqt se jitlaq...

KAPPILLAN

Hekk malajr?

ORDINANZA

(*aktarx militarment*) L-ordni għall-ħdax, Sur Kappillan, u jeħtieġ nobdu.

KAPPILLAN

Bravu Lonzu! Nammira l-ubbidjenza tagħkom għall-ordnijiet. Kellha bżonn id-dinja, jaħarsa, kienet kollha hekk, u l-liġijiet kollha, tal-Knisja wkoll, obduti mill-ewwel sal-aħħar.

QADDEJ

Mela sejjer ngħidlu, Dun Ġakk...

KAPPILLAN

Iva... iva... xtaqt nara... lill-Maġġur ukoll...

QADDEJ (+ +)

Miegħek jien Sinjur... (*joħroġ mil-lemin*)

KAPPILLAN

U hekk sa nitilfu żagħżugħ ieħor...!

ORDINANZA

Dan żgur! U li kieku ma kontx tajjeb biss għal ma' tal-garżen, kontu titilfu wkoll suldat ieħor...

KAPPILLAN

Ruħi qalbi, mhux għax irrid inbiddlilkom ħsiebkom, imma... ma jidhirlekx li hawn f'Artna qegħdin taqdu dmirkom biżżejjed tajjeb?

ORDINANZA

Iva, Sur Kappillan, imma jeħtieġ li naqbżu qabża fuq għonqhom f'arthom la jibżgħu jiġu hawn huma għalina... Il-Maġġur għamel sewwa.

QADDEJ (+)

(*Jidħol mil-lemin*) Is-Sur Tumas ġej, Sur Kappillan, u l-Maġġur ukoll... Arahom hawn... (*Jidħlu l-Missier, il-Maġġur, is-Suldat, il-Ħabib u l-Ġar*)

MISSIER (+)

(*jgħannaq lill-Kappillan*) Grazzi Dun Ġakk, grazzi wisq għall-ħsieb tajjeb tiegħek...

SULDAT (+)

(*Jersaq, jitbaxxa u jbus id il-Kappillan*) Inbus idejk Dun Ġakkinu.

KAPPILLAN

Tkun imbierek ibni.

MAĠĠUR (+)

(*Jeħodlu b'idu, kif ħabib jieħu b'id ħabib, mingħajr ma jiltewa xejn jew ibuslu idu*) Grazzi, Dun, talli ġejt...

KAPPILLAN

Tkun imbierek int ukoll Maġġur.

IL-ĦABIB (+) IL-ĠAR (+)

(*Jersqu huma wkoll, jitbaxxew ftit u jsellmu lill-Kappillan mingħajr ma jersqu lejh għal kollox*) Bonġornu Dun Ġakk...

MISSIER

Ġejt fil-waqt, Dun Ġakk, għax il-ħin... ta'-firda wasal... (*imnikket*) Firda kiefra kemm tista' tkun... firda li se tnaqqasli għaxar snin minn ħajti... firda bla ħtieġa u bla fejda...

MAĠĠUR

La tgħidx hekk Papà. Xi trid mela li s-Sinjuri Hitler u Mussolini jieklu nofs id-dinja, jixħtu lil miljuni ta' nies fil-hemm u joqtluhom bil-ġuħ... u aħna noqogħdu nħarsu lejhom b'idejna marbuta?

ORDINANZA

(*Jiddeffes fin-nofs*) Sewwa, Maġġur, għoġobtni.

KAPPILLAN

Ibni l-għażiż... tħallini nsejjaħlek hekk mhux hekk? (*Il-Maġġur iċaqlaq rasu bħallikieku jrid igħidlu "la għidtha xi tridni ngħidlek"*) ...missierek irid ifisser ruħu li sakemm aħna l-Maltin nagħmlu dmirna u nxerrdu demmna għal Artna ħadd ma jista' jlumna...

MAĠĠUR

Tassew, jien ukoll naħsibha bħalkom, imma jidhirli li meta aħna l-Maltin noħorġu barra mill-Gżira nkunu

qegħdin inkabbru isimha wkoll fost il-barranin u forsi aktar imma... issa mhux il-mument li nidħlu f'dawn id-diskussjonijiet... issa l-mument li nieħdu b'idejn xulxin u ninfirdu.

KAPPILLAN

Iva... tassew... Alla miegħek ibni.

MISSIER

(*li jkun resaq lejn il-bieb tal-ġnien taparsi qed iħares lejn xi ħaġa fil-bogħod biex ma jurix demgħa li tkun qabżitlu minn għajnejh*)

KAPPILLAN

(*li aktarx ikun induna, jersaq lejn il-Missier*) Sur Tumas, ibnek forsi għandu raġun għalkemm aħna, imħabba l-għomor tagħna, ma nifhmuhiex bħalu. (*Jurih xi siġra fil-ġnien*) Ħares lejn dawk is-siġar tal-larinġ, kollha żahar u fwieħa. Ħafna minn dawk il-fjuri li jaqgħu ma' l-ewwel żiffa riħ qawwija, nistgħu ngħidu li twieldu għalxejn; imma ħafna minnhom li jagħarfu jitqabdu kontra l-burraxki u l-irwiefen ta' barra minn żmienhom, jikbru u jissaħħu u jsiru larinġ kbir, sabiħ u bnin. Ibnek huwa waħda minn dawk iż-żahriet li għarfu jeħilsu mill-mewt u issa jridu juru x'jiswew ..

MISSIER

Iva... iva... imma iżjed 'il quddiem?

KAPPILLAN

Iżjed 'il quddiem hemm il-ħniena t'Alla u bl-għajnuna tiegħu għad jeħles ukoll mill-mewt.

MAĠĠUR

Darba Mussolini qal li aħjar wieħed igħix jum ta' ljun milli sena sħiħa ta' ħaruf. Għalkemm jien lil Mussolini qatt ma ħmiltu mħabba l-gideb u l-fanfarunati tiegħu, din il-frażi tiegħu, jekk ma seraqhiex minn għand xi ħadd, għoġbitni u se nurih li aħna l-Maltin iljuni aktar minnu...

IL-ĦABIB (+ +)

(*aktarx biex jaqta' t-taħdita li ħadet qagħda mhix tajba għaċ-ċirkustanza*) Skużawni jekk naqtagħlkom kliemkom imma... sarli l-ħin biex immur (*lill-Maġġur*) Mela... nixtieqlek xorti tajba... (*Jeħodlu b'idu; imbagħad idur fuq il-Missier, igħannqu, itaptaplu fuq spalltu u joħroġ min-nofs*)

IL-ĠAR (+ +)

Jien ukoll jeħtieġ li nħallikom... agħdruni... (*jieħu b'id il-Maġġur, jagħfas id il-leminija tal-Missier f'idejh it-tnejn u joħroġ min-nofs*)

MISSIER

(*Li jkun irid jibqa' waħdu mal-Maġġur, igħid lil ibnu ż-żgħir*) Dwardu... jekk jogħġbok mur wassal lis-Sur Formosa... sad-dar... sellem lil ħuk qabel titlaq... għax meta tiġi lura aktarx... ikun telaq...

SULDAT

(*Jersaq lejn il-Maġġur biex igħannqu*)

MAĠĠUR

Ħallik mit-tagħniq int. Se tagħmel bħan-nisa? (*Jeħodlu b'idu*). Ħu kura tal-Papà, tħallih nieqes minn xejn u ara li tobdih f'kull ma jgħidlek. Nittama li meta... (*jieqaf mument bħallikieku qed jiddubita fi kliemu*) ...niġi lura tkun ilħaqt għallanqas fizzjal. Naf li mhi ħaġa xejn ħafifa biex minn suldat tieħu l-istilel, imma mhix ħaġa impossibbli l-aktar f'waqt il-gwerra. Mela nixtieqlek suċċess...

SULDAT (+ +)

Grazzi; u jien nixtieqlek xorti tajba. (*Ikun se jersaq lejh imma l-Maġġur jiddritta biex jurih li għandu jsellimlu militarment — Is-suldat għalhekk isellimlu hekk bħallikieku kien wieħed barrani... u joħroġ*)

QADDEJ (+ +)

(*Jinduna huwa wkoll li l-Missier jixtieq jibqa' waħdu mal-Maġġur*) Lonz... jekk jogħġbok... ejja

ngħtini daqqa ta' id biex noħorġu l-valiġġi tal-Maġġur min-naħa tal-ġnien... (*joħroġ mil-lemin*).

ORDINANZA (+ +)

Dan żgur li niġi, ara x'qallek. (*Idur lejn il-Maġġur, jiddritta quddiemu militarment*) Jien ninsab għall-ordnijiet tiegħek, Maġġur, kollox lest.

MAĠĠUR

Tajjeb wisq. Tista' tmur. (*Ordinanza joħroġ mil-lemin*)

KAPPILLAN

(*Lill-Maġġur*) Hadt gost li mar kulħadd u bqajna weħidna. Xtaqt ngħidlek kelmtejn bejnietna. Ma ġara xejn billi hawn missierek li jiena ngħoddu ħaġa waħda miegħi.

MAĠĠUR

(*b'nofs tbissima biex ma jweġġagħlux qalbu*) Jekk ġejja xi prietka, ftakar li jeħtieġ li tkun qasira. Mhux għax il-prietki tiegħek ma nħobbx nismagħhom imma għax wasal iż-żmien li nitlaq.

KAPPILLAN

Le, mhix ġejja prietka twila, imma biss twissija żgħira. Naf li int tifel tajjeb u qalbek tajba għax missierek rabbiek kif għandhom jitrabbew l-ulied it-tajba, imma... l-militariżmu ħassrek xi ftit u donnok daħħalt xi fellus f'rasek li f'din id-dinja ma tistax tkun suldat tajjeb u fl-istess ħin raġel reliġjuż. Taħsebx li rrid ngħid b'hekk li int xi tifel ħażin, xejn minn dan, imma m'intix twajjeb bħal ħuk li għalkemm imħabba fil-lieva mhux ħlief suldat, baqa' nisrani mill-aktar imħeġġeġ.

MAĠĠUR

M'intix tpinġini xi frammażun hux?

KAPPILLAN

Le... le... imma qalbek ħraxet xi ftit u moħħok qed jitlef dak id-dawl safi li turina l-Knisja tagħna. S'issa

għadek fil-bidu u sewwa sew għalhekk xtaqt inkellmek. Sakemm kont qiegħed tgħix f'Malta, imdawwar b'din l-atmosfera tagħna, ma kien hemm ebda biża' li tintilef, imma issa li ħiereġ barra mill-Gżira u Alla biss jaf fejn sejjer, iftaħ għajnejk tajjeb. Dan hu kull ma xtaqt ngħidlek. Kif qed tara l-prietka ma kinetx wisq twila kif ħsibt, mhux hekk? U issa jeħtieġ li nħallik waħdek imma qabel nitolbok taċċetta din is-santa.

MAĠĠUR

(*li għandu mitt sena biex jitlaq jeħodha kważi bi bruda u mingħajr anqas ma jħares lejha jqegħidha fil-but*) Grazzi. Naċċettaha bil-qalb kollha.

KAPPILLAN

(*Jinduna li ma jkunx ħares lejha*) Santa tal-Madonna tar-Rużarju (*jurih dik li hemm fl-inkwatru*) ...bħal dik.

MAĠĠUR (+ +)

(*jarġa' jħares lejn l-arloġġ*) Agħdruni... imma l-ħin wasal... u jeħtieġ li nħallikom... (*jieħu b'idejn il-Kappillan, aktarx bi tjubija, imma mingħajr ma jbuslu idejh; imbagħad igħannaq lil missieru u joħroġ minnofs.*)

KAPPILLAN

(*Jersaq lejn il-bieb tan-nofs biex jarah sejjer u jibqa' jħares lejh jitbiegħed, idejh marbutin fuq sidru*)

MISSIER

(*qalbu maqsuma ma jistax jitfarraġ. Jersaq lejn l-inkwatru u jitlob lill-Madonna — leħen dgħajjef imma l-kliem imlissen tajjeb*) Madonna tar-Rużarju... Int li dejjem waqaft miegħi u tajtni kull għajnuna, ieqaf ukoll ma' ibni, agħtih id-dehen li jinħtieġlu, u wassalhuli lura f'din id-dar ħaj!

## TMIEM IL-PROLOGU

# ID-DRAMM

(Il-ħdax ta' fil-għodu ta' jum ta' April tas-sena 1944. Kollox għadu l-istess fil-kamra donnha ma għaddietx ħlief xi siegħa mit-tmiem tal-Prologu. Imma n-nies tbiddlu bosta fil-karattru u s-saħħa.)

QADDEJ (+)

(*Waħdu — iqiegħed il-fjuri fil-vażetti minn ġo qfejfa*) Ah!! Kemm ifuħu!... Mur ara kemm se jieħu gost jarahom il-Maġġur! Kien tant iħobbhom il-fjuri!

BOJ (+)

(*Jidher fil-bieb tan-nofs*) Ton!... Toni!!... Fejnha rasek?

QADDEJ

Bravu t-Tiċċ! Fl-aħħar wasalt? Ħsibtek se ġġibhomlna wara l-festa dawk it-tużżana fliexken inbid!

BOJ

Għax kellna ħafna x'nagħmlu ħi.

QADDEJ

Tajjeb, tajjeb; u fejn huma issa dawn l-imbierka fliexken? Is-Sinjuri dalwaqt jaslu u...

BOJ

Iva naf, naf. It-triq kollha taf li t-tifel tas-Sur Tumas se jasal il-lum. Tassew, mhux hekk?

QADDEJ

U iva. M'intix tarani qed infewwaħ kullimkien? Din il-kamra kienet ilha ma tara warda mill-jum li telaq.

BOJ

U dan il-għala, Ton?

QADDEJ

Ibni, int għadek żgħir u ċerti ħwejjeġ ma tifhimhomx. Il-Maġġur kien iħobb ħafna l-fjuri u s-Sinjur, wara ftit sigħat li kien telaq tliet snin ilu, kif igħaddi ż-żmien x'waħdadin, tani l-ordni li sakemm ibnu jkun nieqes minn din id-dar, ebda warda ma għandha tidher hawn ġew ħlief važett żgħir quddiem il-Madonna.

BOJ

Ah! Issa fhimt!

QADDEJ

U biex tagħqad din is-sena kellna fjuri u ward kemm irridu. Alla jbierek! Donnu għamilha għaltapposta l-Maġġur: Telaq f'April tal-1941 u ġej lura f'April tal-1944. Tliet snin sħaħ għaddew, qishom ħolma... (*imnikket*) ...u x'rajna ma' tulhom, x'waħdadin! Kemm hemm u niket!

BOJ

Ton! Issa ħallik mill-imgħoddi!

QADDEJ

Iva, Tiċċ. Issa naraw x'għandna nagħmlu. Mela? Fejn qgħedtu l-inbid?

BOJ

Daħħaltu mill-bieb tal-ġnien u niżżiltu dritt filkantina.

QADDEJ

Offi għalik! Fl-aħħarnett bdejt trabbi l-għaqal! Ġibt tużżana sewwa, mhux hekk?

BOJ

Ara x'qallek!

QADDEJ

Mela tista' tmur, Tiċċ.

BOJ (+ +)

Saħħa Ton. (*Joħroġ min-nofs*)

QADDEJ

(*Igerger waħdu*) Mela l-inbid hawn... u l-fjuri lesti flokhom... X'jonqos issa?...

ĦABIB (+)

(*Li jkun daħal min-nofs u sama' l-aħħar kliem ta' Toni*) ...Issa jonqos li tgħid lis-Sur Tumas li jiena hawn.

QADDEJ

(*Li jkun dar malli jisimgħu jitkellem*) Bravu s-Sur Formosa!

ĦABIB

(*Iħares 'l hinn u 'l hawn*) Ah! X'differenza bejn illum u tliet snin ilu, mhux hekk Ton? Niftakar wisq tajjeb li meta l-Maġġur Charles siefer, anqas ma qgħedtulu warda waħda.

QADDEJ

Dan żgur... hekk hu. X'fakra tajba għandek Sur Dandu, ħej! Dik kienet ordni tas-Sinjur. Illum is-Sinjur tani kontr'ordni u qalli biex nimla l-vażetti kollha bl-isbaħ fjuri u ward tal-ġnien u jidhirli jien li qdejtu tajjeb, mhux hekk?

ĦABIB

Naħseb li ma stajtx taqdih aħjar. Jien, ngħid għalija, inħossni wisq ferħan li l-Maġġur ġej lura għax is-Sur Tumas kien sejjer lura bis-sigħat, imma... nibża' li ibnu għandu xi marda serja. Kieku ma kienx jiġi lura. Raġel ta' dik il-qatgħa, ta' ħila u kuraġġ liema bħalhom, u fuq kollox kburi u mimli ħrara li jilħaq l-ogħla grad li jista' jilħaq, ma kienx jiġi lura kif ġieb u laħaq.

QADDEJ

Sinjur, int taf iżjed minni ċerti ħwejjeġ għax midħla tas-Sur Tumas u l-ħabib tal-qalb waħdieni tiegħu. Imma sa fejn naf jien il-Maġġur fieq mill-marda li kellu u

ħareġ mill-isptar aktar minn xahar ilu. Is-Sur Tumas qalli li għandu jasal bl-ajruplan dritt mill-Ingilterra.

HABIB

Iva... iva... minn fommok 'l Alla...

MISSIER (+)

(*Jidħol mix-xellug — Għalkemm il-hemm u n-niket ta' dawn l-aħħar tliet snin għamlu bih ħafna u għolob u aktarx musfar, illum jidher ftit ferħan u aktar fuq tiegħu mis-soltu*) Oh! Int ġa ġejt, qalbi Dandu!?

HABIB

Ili hawn xi kwarta. Naħseb li ġejt fil-waqt u mhux kmieni wisq, mhux hekk? Int għidtli li Chally se jasal f'xi nofs in-nhar. Issa l-ħdax daqqu.

MISSIER

Tassew... għandek raġun... kif għaddiet l-għodwa... (*Iħares 'l hinn u 'l hawn biex jara jekk hux kollox sewwa — Lill-Qaddej*) Ton! Kollox imhejji? L-inbid ġibuh?

QADDEJ

Iva, Sur Tumas, u l-pasti wkoll. Pasta-rjali ġiebu ratlejn biss. Tgħid biżżejjed?

MISSIER

Iva, dan żgur. Jien ma għidt lil ħadd biex jiġi ħlief lis-Sur Dandu u lill-Kappillan... u 'l Lonzu. Irrid li ngawduh aħna biss... aħna li rajnieh sejjer tliet snin ilu... aħna biss... minbarra wieħed...

QADDEJ

(*Biex jiskarta għax ikun fiehem biex inhu ġej*) Jiena sejjer fil-kantina, Sur Tumas... Trid xi ħaġa oħra?

MISSIER

Le... le... tista' tmur...

QADDEJ (+ +)

(*Joħroġ mil-lemin*)

MISSIER

(*Donnu qed ikellem lilu n-nifsu*) ...Minbarra wieħed...

ĦABIB

Issa toqgħodx taħseb f'dawk li mietu u ħallewna. Dwardu għamel mewta ta' qaddis u ta' qalbieni. Hekk kellu jkun !

MISSIER

Iva ! Ta' qaddis u ta' qalbieni ! F'dak il-jum li miet kien tqarben... donnu xi ħadd kien nebbħu li kien l-aħħar jum ta' ħajtu... li kellu joħroġ minn din id-dar biex...ma narawhx iżjed.

ĦABIB

Għallanqas miet bla ebda tbatija.

MISSIER

Iva, ruħi ibni, bla ebda tbatija u bla ebda ħtija. Tisfira li ttarrax, tfaqqigħa li twerwer, u ġismu anqas instab iżjed. Ruħi ibni ! Kien wieħed minn ta' l-ewwel li ħallsu l-laħam il-ħaj tal-kiefra Ġermaniżi. Jannar tal-1942. Xahar u sena li ma ninsihom qatt anqas li kieku kelli ngħix elf sena. Ruħi ibni ! Kien tant twajjeb...

ĦABIB

La taħsebx iżjed f'dak il-jum ikreh, ħabib. Ftakar biss li ismu huwa wieħed minn dawk li se jinkitbu b'ittri tad-deheb talli taw ħajjithom biex Malta tgħix.

MISSIER

Iva... iva... Alla jaħfirlu !

QADDEJ (+)

(*Jidħol mil-lemin*) Sur Tumas ! Dun Ġakkin wasal. Rajtu jilwi għan-naħa tagħna. Ngħidlu jidħol, mhux hekk ?

MISSIER

(*Iqum ftit fuq tiegħu*) Dan żgur... dan żgur...

QADDEJ (+ +)

(*Joħroġ min-nofs*)

MISSIER

Qed nieħu tassew pjaċir li Dun Ġakk ġie. Raġel qaddis li l-kelma tiegħu tfarraġ tassew il-qalb. Alla ħares ma kienx huwa waqt il-mewt tal-maħbub Dwardu tiegħi. Kieku Alla biss jaf x'kien isir minni.

ĦABIB

Tassew. Kulħadd kelma waħda. Kulħadd iħobbu u jqimu, kif huwa jħobb u jqim lil kulħadd, fqar u għonja. Imqar kulħadd kien bħalu!

KAPPILLAN (+)

Bonġornu ħbieb! (*It-tnejn jersqu lejh biex jitbaxxew u jbusulu idu imma huwa ma jħallihomx — Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn jinduna bil-ħafna ward li bihom tinsab imżejna l-kamra*) Oh! Kemm fjuri, Alla jbierek! Xi fwieħa! Niżżuħajr 'l Alla li wasal dan il-jum tant mixtieq! Rajtx, Tumas, kif kliemi seħħ? Jien dejjem għidtlek biex ma taqtax qalbek u li l-Madonna tar-Rużarju mhix se tabbandunak!

MISSIER

Iva, Dun Ġakk! Imma la taħsebx li billi dari mimlija ward u żahar li jġibu magħhom fwieħa u juru ferħ u hena, qalbi hija mfejqa għal kollox!

KAPPILLAN

Iva... iva... naf xi trid tgħid. Qed taħseb f'ibnek Dwardu, mhux hekk?

MISSIER

(*imnikket*) Iva, Dun Ġakk!

KAPPILLAN

Qalbi Tumas, la tinsiex li xi darba lkoll għandna mmutu. Kif, meta u f'liema ċirkustanzi ma nafux. Imma l-mewt ma taħfirha lil ħadd. Mela mberkin u xxurtjati huma dawk li jħallu din id-dinja ta' hemm kif irid Alla. Naħseb li taqbel miegħi li ibnek Dwardu telaq, ta' għomor qasir iva, imma rebbieħ fuq kull ħażen. Ma hemmx għalfejn noqogħdu ntennu l-ġrajja ta' mewtu: Ibnek miet ta' qalbieni u nisrani mija fil-mija. Jien, ngħid għalija, ma nixtieqx mewta isbaħ!

MISSIER

(*Qalbu maqsuma jersaq lejn il-qassis u jqiegħed rasu fuq spalltu*)

KAPPILLAN

Naf, naf wisq tajjeb, forsi ħadd ma jaf daqsi, kemm kont tħobbu lil ibnek Dwardu! Alla jsabbrek, ħabib, imma ftakar li llum, minn hawn u ftit minuti oħra għandu jasal ibnek ieħor li int kont ħsibt li tliftu għal kollox, li kważi għamiltu mejjet. La turix ruħek sogħbien u mnikket meta jasal biex ma tagħtihx il-ħajra li jibdielu u jarġa' jsiefer.

ĦABIB

(*Jersaq lejn Dun Ġakkin u jiġbed lura bil-ħlewwa lill-Missier*) Issa biżżejjed Tumas, u isma' kliem Dun Ġakkin.

MISSIER

(*Jarfa' rasu minn fuq spallejn il-qassis, jixxotta għajnejh mid-dmugħ u jipprova juri ruħu ferħan*) Għandkom raġun... nagħmel mill-aħjar tiegħi...

KAPPILLAN

Mela issa ħa nitkellmu ftit fuq il-Maġġur. Meta għandu jasal sewwa u kif?

MISSIER

(*Joħroġ l-arloġġ mill-but*) Naħseb xi nofs siegħa oħra jkun hawn. Ftit ilu ċempilt Ħal Luqa u qaluli li

l-ajruplan ilu li ta s-sinjal u għandu jasal f'nofs in-nhar. Issa nofs in-nhar nieqes kwart. Sakemm jiġi bl-awtomobbli ma jridx għallanqas għoxrin minuta?

HABIB

Dan żgur... dan żgur...

KAPPILLAN

U... għandek aħbarijiet sewwa tal-marda li kellu? Jekk fieqx għal kollox? Meta u fejn ġie miġruħ?

MISSIER

Iva... għandi. Permezz ta' l-Awtoritajiet u xi ħbieb tiegħi li kienu miegħu waqt it-taqbida, jew rawh wara, għaraft kważi kollox. Għidt kważi għax... għax hemm xi ħaġa li ma narahiex ċara. Minn għandu dritt ma waslitli ebda ittra. Irrid infisser ruħi li l-ittri li wasluli minn għandu, għalkemm donnhom miktubin minnu għax l-istil kif jikteb jingħaraf ħafna, mhumiex miktubin b'idu nfisha. Nibża' għalhekk li għandu xi ħaġa f'idu l-leminija... Alla ħares qatt ma ġralux xi ħaġa serja fiha...

HABIB

U le, toqgħodx tistħajjel ħwejjeġ li aktarx mhumiex minnhom.

KAPPILLAN

Hekk hu... hekk hu... meta jasal inkunu nafu sewwa kull ma għadda minn għalih. Jimporta jekk nistaqsik meta kien ġie miġruħ?

MISSIER

X'jiġifieri! Dun Ġakk qalbi! (*Ifittex xi dokumenti li jinsabu merfugħin fil-kaxxun tat-tavolin u fil-waqt li kultant jagħti daqqa ta' għajn lejn it-test oriġinali ta' l-Awtoritajiet, jaqilbu bil-Malti*) Kien fit-tlittax ta' Frar ta' din is-sena, meta l-għadu ta attakk mill-eħrex biex jipprova jnaddaf ix-xtajta bejn Nettuno u Anzio u... kif xtaq Kesserling... iwaddab l-Allijati l-baħar.

HABIB

(*b'sudisfazzjon*) Milli jidher Kesserling għamel fjask kbir daqs dak li kien għamel fostna meta ried joqtol lill-Maltin bil-ġuħ!...

MISSIER

Hekk hu, għax wara s-suċċess ċkejken li għamel, tagħna taw kontra-attakk mill-aqwa u kisbu lura kull ma kienu tilfu.

KAPPILLAN

Kurjuż naqra t-test oriġinali!

MISSIER

Ħa, aqrah int stess, Dun Ġakk.

KAPPILLAN

(*Aktarx qed jaqrah għalih in-nifsu imma b'leħen biżżejjed għoli li jiftiehem*) "Very heavy enemy attack in Nettuno - Anzio beach-head meet with partial success but determined Allied counter-attack keep the line intact."

HABIB

(*Li jkun resaq wara l-Kappillan biex huwa wkoll jaqrah bejnu u bejn ruħu — Mitluf fil-ħsieb*) Bravi!... Bravi tassew!!

MISSIER

Ibni kien qed jikkmanda kumpannija waqt dak l-infern kollu li minnha ma baqgħux ħajjin ħlief nofs tużżana. Fl-ittri tiegħu qalli li waqt il-kontra-attakk faqqgħet balla ta' kanun ftit piedi 'l bogħod minnu u ħajtu salvaha għax kien moħbi wara borġ żgħir ġebel, imma... ma jiftakar xejn aktar ħlief li, meta ġie f'sensih, sab ruħu fi sptar u sar jaf li kien ilu hemm tlitt ijiem. Wara xi ħmistax-il jum ġarrewh bl-ajruplan għall-Ingilterra għax kienet tinħtieġlu operazzjoni speċjali.

KAPPILLAN

U meta għarrfuk b'dan kollu? Lilna qatt ma għidtilna xejn!

MISSIER

Xi aħbarijiet tawhomli xi ħbieb tiegħu imma billi minn għandu ma kont irċevejt ebda aħbar, ħsibt li kienu qegħdin jippruvaw jagħtuni l-aħbar tal-mewt tiegħu bil-qajla l-qajla...

KAPPILLAN

Le, Tumas, li kieku Alla ħares qatt miet, l-Awtoritajiet kienu jagħtuk il-bxara malajr.

MISSIER

Iva, nafu dan, u t-tama waħdanija li kont qed ngħix biha hija li wara l-ewwel aħbar uffiċċjali li kien ġie miġruħ, ma qalulix li miet. Imma, ma tafx daqsi li l-kelb il-mismut kull ilma jaħsbu misħun? In-nuqqas ta' ittri minn għandu kien qed jagħtini wisq x'naħseb u qtajtha li nibgħat talba biex issir stħarriġa, li għaliha weġbuni li ibni kien qawwi u sħiħ u li għandu jasal lura ma jdumx.

KAPPILLAN

Ikun imbierek Alla!

MISSIER

Xi ġimgħa ilu mbagħad wasalli telegramm u jien bgħatt ngħarrafkom bih bla telf ta' żmien.

KAPPILLAN

U aħna, ħabib ta' qalbi, ġejna għas-sejħa tiegħek.

ĦABIB

U issa ma fadlilniex ħlief nistennew ftit minuti oħra biex inkunu nafu minn fommu nnifsu kull ma għadda minn għalih...

KAPPILLAN

Iva... (*iħares lejn l-arloġġ*) ...għadha kif daqqet il-kwarta, mela m'aħniex fil-bogħod. (*Iħares lejn it-tieqa*) Tumas, rajt daqsxejn x'jum sabiħ ħareġ wara dak ir-riħ tal-bieraħtlula?

MISSIER

Tassew... isbaħ minnu ma satax jinzerta... wisq wisq isbaħ minn dak ta' tliet snin ilu.

KAPPILLAN

Int ma tafx hux ġej biex jibqa' magħna għal kollox, mhux hekk?

MISSIER

Le, ma nafx, u din il-ħaġa qiegħda tbaqbaqni xi ftit.

ĦABIB

Aħna se nagħmlu mill-aħjar tagħna biex inġagħluh jibqa' miegħek għal kollox, mhux hekk Dun Ġakk? L-aktar issa li ma fadallekx ħlief lilu.

KAPPILLAN

(*Biex iwennes lill-Missier*) U jien żgur li jisma' minna.

ĦABIB

Aqtagħli kurżità, Tumas, kif kien Lonzu, l-Ordinanza tiegħu li tant iħobbu, mhux hawn? Forsi ma jafx li għandu jasal?

MISSIER

Mela x'inhu! Lonzu jinsab f'Ħal Luqa għax qalli li jrid ikun l-ewwel wieħed li jarah, u huwa bħala suldat sata' jdeffes denbu sa taħt imnieħer l-ajruplan.

KAPPILLAN

Bravu! Dak Lonzu nervuż kemm tridu imma għandu qalbu taz-zokkor!

ĦABIB

Imbierek wiċċu!... Dejjem daħkan... dejjem ferħan... Tiftakar xejn meta bomba laqtitlu daru u tilef kull ma kellu, għamara u kollox?

KAPPILLAN

U ngħid niftakarx!

ĦABIB

Meta wara xi jumejn iltqajt miegħu u wrejtu s-sogħba kbira tiegħi għal kull ma ġralu, tafu xejn x'weġibni? Qalli: "Sur Formosa, il-flus u l-għamara jmorru u jiġu, biżżejjed li l-egħdewwa ma rifsux riġlejhom fuq artna. Dak biss kien ikun jum ta' hemm għalija!"

QADDEJ (+)

(*Jidħol min-nofs, nifsu maqtugħ*) Ġej... ġej Sinjuri... Wasal... Għandu jkun is-Sur Charlie ftit għajjien... għax Lonzu qed iżommu minn driegħu...

MISSIER

(*b'dehwa*) Idejh?!... Rajtlu idejh?!

QADDEJ

(*ma jistax jifhem*) Dan żgur li rajthomlu! Xi ġralhom idejh? Mhux biss rajthomlu u ħariġhom 'il barra... u jien bisthomlu...

MISSIER

(*aktarx lilu n-nifsu b'għajnejh lejn is-sema*) Ikun imbierek Alla! (*lill-Qaddej*) Kien hemm xi ħadd ieħor magħhom?

QADDEJ

Iva, kien hemm fizzjal, li raġa' telaq ma' l-awtomobbli li ġiebhom...

ĦABIB

(*Li sadattant ikun resaq lejn il-bieb tan-nofs u kważi ħareġ barra jarġa' jidħol*) Waslu... wasal... (*u wara ftit jidher fil-bieb il-Maġġur u Lonzu warajh, donnu qed jimbuttah ġewwa biex jurih it-triq*)

MAĠĠUR (+)

(*Agħma iżraq — Kieku ma jridx juri lil Missieru u għalhekk joħroġ idejh 'il barra — Għajnejh miftuħin beraħ imma ċassi u tilfu kull sbuħija tagħhom — Mill-*

*bqija kollox normali fih — Biex ma jidherx li huwa agħma jġib in-nuċċali tax-xemx iżda mhux suwed ħafna*) Papà!

ORDINANZA (+)

(*Lill-Missier imma mingħajr ma jtellifhom it-tagħniqa*) Rajtx kif fl-aħħar wasal!

MISSIER

Chally!... Chally tiegħi! (*Igħannqu mingħajr ma jinduna li huwa agħma*)

KAPPILLAN

(*Anqas huwa ma jinduna*) Nifraħlek jien ukoll, Maġġur, li wasalt fostna qawwi u sħiħ...

MAĠĠUR

(*Idur lejn il-leħen u joħroġ idejh 'il barra*) Dun... Dun Ġakk... mhux hekk? (*Irosslu idu bejn idejh*)

ĦABIB

Jien ukoll nifraħlek Maġġur. (*Jersaq lejh biex jeħodlu b'idu*)

MAĠĠUR

Is-Sur Formosa hawn ukoll!?... Anqas ma kont... indunajt bik. (*Jersaq lejn leħnu u jeħodlu b'idu bil-qawwi; imbagħad jarġa' jieqaf bħallikieku qed ifittex lil xi ħadd*) Mela x'ngħidu sabiħ, Papà?

MISSIER

(*Li jkun warrab ftit minn ħdejh biex iħalli lill-oħrajn jifirħu bih ukoll, jarġa' jersaq lejh*) Neħħi dak in-nuċċali minn għajnejk, Chally, hawn ġew ma hawnx xemx. M'intix tara kemm hawn ħwejjeġ sbieħ ma-dwarek?

MAĠĠUR

(*Biex ma jikkuntrarjax kliem Missieru*) Iva... iva... (*wara ftit*) Toni mhux hawn?

QADDEJ

(*Li jkun kważi mistoħbi wara, qed jitkellem qajl-qajl ma' Lonzu*) Iva... hawn jien Sur Chally... M'intix tarani... għax qiegħed warajk...

MAĠĠUR

(*Idur lejn il-leħen*) Ah!... Iva!... Dan żgur! (*Joħroġ idejh biex jeħodlu b'idu*) Kif int, Ton!? Dejjem gemgumi?

KAPPILLAN

(*Sadattant li jkun beda jinduna b'xi ħaġa u jkun tkellem mas-Sur Formosa, issa jersaq jitkellem ma' Lonzu. Lonzu bis-sinjali jfiehmu li l-Maġġur tilef id-dawl ta' għajnejh*)

QADDEJ

Gemgumi?! Dan żgur! U kif nista' ma nkunx! Ma tafx li bdejna nixjieħu?

MISSIER

(*Li jkun raġa' resaq lejn ibnu*) Charlie, nitolbok, aqla' dak in-nuċċali minn fuq għajnejk!

MAĠĠUR

Iva, Papà, issa nneħħieh. Biss nixtieq nirrakkuntalek xi ħaġa fuq il-marda li kelli... kif inġraħt... u ħafna ħwejjeġ oħra...

MISSIER

Jien ukoll nixtieq nistaqsik mitt ħaġa imma, qabel xejn, ejja nidħlu sa ġewwa ħa nixorbu qatra flimkien ma' dawn il-ħbieb li, nifhem jien, qed iħossu ruħhom ferħanin daqsi bil-miġja tiegħek lura...

ĦABIB

Dan żgur... dan żgur...

ORDINANZA

(*Li issa jkun resaq fin-nofs huwa wkoll u jixtieq juri ruħu ferħan*) Maġġur, illum niskru sakra flimkien, mhux hekk?

MAĠĠUR

(*Taparsi serju*) Oqgħod serju int, għax nitfgħek ġimgħa "confined to barracks".

ORDINANZA

Għadek tiftakar Sin... Sur Maġġur!?

MAĠĠUR

U ngħid jekk għadnix!

ĦABIB

(*Li jkun ftiehem bil-kliem mal-Kappillan*) Tumas, jien naħseb li aħjar inħalluk waħdek ma' ibnek... biex għallanqas tgawdih ftit waħdek. Aħna narġgħu niġu l-lejla... f'xi l-ħamsa nkunu hawn... Mhux hekk Dun Ġakk?

KAPPILLAN

Iva... aħjar... aħjar... saret is-siegħa... il-lejla niġu nqattgħu siegħa magħkom... fil-hena...

MAĠĠUR

(*Jaħtafhom fil-kelma*) Iva, aħjar, nistennewkom il-lejla... ara li ma tonqsux tafux?...

ĦABIB (+ +)

Mela narġgħu naraw lil xulxin. (*Joħroġ min-nofs*)

KAPPILLAN

(*Jiġbed lill-Missier ftit fil-ġenb*) Ħabib... igħidlek x'igħidlek ibnek fuq il-marda tiegħu, tieħu xejn bil-kbir. L-imgħoddi... għadda u mar... Issa jeħtieġ naħsbu biss fil-ġejjieni...

MISSIER

(*Li ftit ikun fehem il-kliem mistur tal-Kappillan*) Iva... nižžikħajr mill-qiegħ ta' qalbi għat-twissijiet tiegħek... Kliemek dejjem għožžejtu jien. Ara li ma tonqosx il-lejla... (*Iwasslu sal-bieb tan-nofs*)

KAPPILLAN (+ +)

Le, tista' tibqa' żgur li niġi. Kulu bl-aptit u Alla magħkom. Saħħa. (*Joħroġ min-nofs*)

ORDINANZA

(*Lill-Maġġur*) Jien... se mmur ukoll...

MAĠĠUR

(*Jaħtfu fil-kelma*) Le... int le... ibqa' magħna Lonzu... forsi jkolli bżonnok għal xi ħaġa... La tinsiex li jien il-Maġġur tiegħek u din hija ordni...

ORDINANZA

(*Jibbies, isellem militarment*) Tkun obdut Maġġur... (*Jersaq lejn Toni*).

QADDEJ

(*Aktarx biex jiskartaw*) Sur Tumas, jien u Lonzu se mmorru nlestulkom l-ikel. Malli jkun lest niġi ngħidilkom.

MISSIER

(*Li jkollu mitt sena biex jibqa' waħdu ma' ibnu*) Iva... Iva... tajjeb wisq... (QADDEJ (+ +) u ORDINANZA (+ +) *joħorġu mil-lemin*) (*Kif joħorġu l-Missier jaqbad lil ibnu minn spallejh u jheżżu b'għelma ta' ferħ*) Ħallini nheżżek... ħallini nkun żgur li int ġejt lura fi ħdani... ħallini nħossok miegħi... ħallini ngawdik... ma fadallix ħlief lilek fid-dinja... wieħed wieħed kollha marru u ħallewni...

MAĠĠUR

Papà!... Għażiż Papà!... Naf wisq tajjeb kemm kienet kbira għalik it-telfa ta' Dwardu, l-aktar għax ġiet f'waqt li jien ma kontx hawn miegħek, imma, jekk trid taf is-sewwa, jien ngħir għalih! Dwardu miet ta' qalbieni mill-aqwa! Ħija ż-żgħir li kien jidher tant beżżiegħ, wera ħila kbira fit-twettiq ta' dmirijietu. Il-Maġġur tiegħu kien kitibli kollox u qalli ħwejjeġ li aktarx anqas int ma tafhom.

MISSIER

(*Li jkun qagħad jisimgħu b'rasu mxengla fuq sidru*) Iva... tassew... imma jien bħala missier tlift ġawhra ta' siwi liema bħalu li ebda kapital ma jista' jixtriha biex jagħtihieli lura...

MAĠĠUR

Ma ġara xejn Papà. Illum jew għada lkoll għandna mmutu. Kien ikun wisq aħjar għalik u għal kulħadd li kieku mitt jien f'imkienu. Imma Alla ried hekk! Trid forsi tmur kontra r-rieda t'Alla?

MISSIER

(*Mistagħġeb bi kliem ibnu, kliem li qatt qabel ma kien ħareġ minn fommu*) Ibni l-għażiż... qed nieħu tassew pjaċir nisimgħek titkellem hekk u kliemek qed inħossu nieżel f'qalbi qisu balzmu...

MAĠĠUR

Iva Papà... Issa li... ġrali li ġrali... qed nifhem wisq tajjeb xi tfisser dik id-devozzjoni kbira tiegħek lejn il-Madonna tar-Rużarju...

MISSIER

Chally?!

MAĠĠUR

...Qabel inxtħetna għal dak il-kontra-attakk tassew aħrax u qalil li bih kellna nsalvaw in-nies kollha li kien hemm bejn Nettuno u Anzio, li int ġa qalulek bih l-Awtoritajiet wara talba tiegħi, il-Kurunell sejħilna u qalilna minn liema tiġrib konna se ngħaddu. Jien... bdejt naħseb fikom... ġew quddiem għajnejja Malta, li għall-kobor ta' isimha kont tbegħidt minnha; inti li tant batejt għalija, ħija, li kien ta ħajtu għall-ħelsien tal-ġnus. Fhimt kemm se tkun qalila għalik il-ħajja jekk... titlef lili wkoll. Ftakart fis-santa li kien tani Dun Ġakkin... u tlabt lill-Madonna bl-akbar ħrara biex issalvali ħajti.

MISSIER

Ibni!... Maħbub ibni!... X'hena qed tagħtini... hena li ma ħassejtu qatt qabel...

MAĠĠUR

Il-Madonna semgħetni. Mill-kumpannija kollha tagħna ma bqajniex ħlief nofs tużżana ħajjin. Il-fidi tiegħi swiet biex inkun wieħed minnhom, imma l-ħaraġ li kelli nħallas kien qalil mill-aktar...

MISSIER

(*Ma jifhemx, imma jibda jħoss xi ħaġa*) Il-ħaraġ? ...qalil mill-aktar?! Il-ħaraġ għidt? (*Iħares lejh sewwa*) Ibni!... Dak in-nuċċali!?

MAĠĠUR

(*Ineħħi n-nuċċali — jidhru għajnejh miftuħin beraħ — bla ħajja*) Iva Papà... fhimt sewwa... (*rasu tintelaq fuq sidru*)

MISSIER

(*Iżjed b'għamil milli bil-leħen*) Agħma!... Ibni agħma!!...

MAĠĠUR

Iva Papà! Agħma iżraq!... Bil-leħħa tal-bomba! It-tobba jgħidu li hemm xi tama, għalkemm wisq ċkejkna, mela... għax naqtgħu qalbna?

MISSIER

(*Ma jistax jemmen lilu n-nifsu*) Ibni agħma?!...

MAĠĠUR

La titnikketx Papà. Bħalma l-Madonna tar-Rużarju salvatli ħajti, jekk Hija trid u jistħoqqli, tista' wkoll tagħtini lura d-dawl.

MISSIER

Ibni l-għażiż x'hemm kbir waqa' fuqna! (*Igħannqu*).

MAĠĠUR

(*B'ħila li tgħaġġeb*) Imma l-għala qed teħodha hekk bi kbira Papà? Tassew li tlift id-dawl ta' għajnejja imma dak id-dlam tar-ruħ li ħajti kienet milfufa fih għab għal kollox u issa nħossni ferħan u hieni li rbaħt id-dehen li ġġib magħha l-fidi.

MISSIER

Alla jieqaf miegħek ibni biex dik il-fidi ġdida li twieldet fik ma tħallik qatt... qatt... qatt.

MAĠĠUR

Iva Papà... Ejja nitolbu darba oħra lil-Madonna tar-Rużarju... (*Ikun irid jersaq fejn, minn għalih, hemm l-inkwatru, iżda, peress li ma jafx sewwa fejn qiegħed, jersaq lejn in-naħa l-ħażina*)

MISSIER

(*Jinduna u fil-waqt li b'idu l-leminija jneħħi minn għajnejh demgħa li tkun qabżitlu, b'idu x-xellugija jiġbdu għan-naħa t-tajba*) Hawn... hawn Chally... (*Meta jaslu fejn l-inkwatru, il-Missier iwaqqfu*).

MAĠĠUR

(*Jarfa' idejh biex bihom iħoss id-dawl tal-lumina*) Hawn Papà, mhux hekk? Qed inħoss il-fjamma...

MISSIER

(*Kieku jrid iwieġbu imma fi griżmejh talgħetlu għoqla li ma tħallihx ilissen bi tbatija ħlief:*) Iva...

MAĠĠUR

(*Jarfa' rasu 'l fuq donnu jrid iħares lejn l-inkwatru u jitlob bl-akbar ħrara*) Madonna tar-Rużarju... kif int salvajtli ħajti meta kelli kull tama maqtugħa, ismagħni din id-darba wkoll, u agħtini mill-ġdid id-dawl sabiħ ta' għajnejja ħalli nkun nista' narak. (*Rasu tintelaq fuq sidru u ma jinstamax ħlief l-ilfiq tal-Missier*)

---

*JINŻEL IS-SIPARJU QAJLA-QAJLA*

## TA' L-ISTESS KITTIEB

### LI DEHRU STAMPATI

L-AKBAR IMĦABBA — Buzzett patrijottiku — 1937

TRIQ ID-DEJQA NRU. 313 — Rumanz — 1938

DEJN MARDUD — Buzzett patrijottiku — 1942

MALTA AND HER SONS — Taħdita patrijottika — 1943

IL-ĦAMES WIEĦED (ma' Nikol Biancardi) — Kummidja b'att wieħed — 1944

LEJLET IL-MILIED (mit-Taljan ta' Giacinto Tua) — Buzzett b'att wieħed — 1944

TIFKIRA — Kummidja b'att wieħed — 1944

DAR IX-XJUĦ (mill-Franċiż ta' Jean Madeline) — Buzzett b'att wieħed — 1944

L-AĦĦAR TAGĦNIQA (mit-Taljan ta' Giacinto Tua) — Buzzett b'att wieħed — 1945

NASES — Buzzett isfar b'att wieħed — 1945

MALTESE ORTHOGRAPHY — 1945

KARNIVAL (mit-Taljan ta' Camillo Antona Traversi) — Buzzett isfar b'att wieħed — 1946

DAWL U DLAM — Buzzett bi prologu — 1946

U ħafna oħrajn — fosthom rumanz, operetta u bċejjeċ tijatrali — li għad ma dehrux stampati.